KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 15/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 15

*L-Erbgħa 26 ta' Awissu 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 26 ta' Awissu 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku*<br>Darren Lynch - *Viċi Sindku*<br>Rita Delezio - *Kunsilliera*<br>Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*<br>Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier*<br>Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Axisa u Bartolo talbu biex ikun skużati minħabba raġunijiet ta' saħħa u xogħol rispettivament. Il-membri qablu li jkunu skużati.

1.2. Hawnhekk is-Sindku informa lill-membri illi il-kunsillier Bartolo kien naqas milli jattendi terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri illi l-Att 363 jgħid:

*"Il-kunsillieri għandhom jattendu l-laqgħat kollha kif provdut taħt dan l-Att u l-Ministru għandu, wara li jkun mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv, b'avviż iffirmat minnu u indirizzat lis-Segretarju Eżekuttiv, jiddikjara li post ikun vakanti jekk kunsillier jonqos li jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill jew b'kollox ikun naqas għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur u fil-fehma tal-Ministru dik l-assenza ma kienitx ġustifikata:*

> *Iżda ukoll meta l-kunsill ikun irrisolva li n-nuqqas ta' attendenza jkun għal raġuni ġusta, is-Segretarju Eżekuttiv, meta jgħarraf lill-Ministru bin-nuqqas tal-kunsillier, għandu wkoll jagħtih ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-Ministru ma jiddikjarax dak il-post vakanti."*

Wara li iddiskutew dan, il-membri qablu li n-nuqqas ta' attendenza kienet ġustifikata u għaldaqstant talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħarraf lill-Ministru bin-nuqqas tal-kunsillier, imma wkoll iwassal ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-Ministru ma jiddikjarax dak il-post vakanti.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr 14. ġew approvati *nem com.*

2.2. B'referenza għall-minuti 14, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-appell uffiċjali li kien sar marbut mal-iżvilupp propost fi Triq tal-Borġ.

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand it-TCTC sabiex il-fondi allokati mill-Kunsill għall-kors tar-Robotica jintużaw minflok għall-kors tal-ECDL minħabba nuqqas ta' attendenza għall-kors tar-robotica fid-dawl tal-pandemija. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-proposta lill-membri fejn il-Kunsill Lokali ikun qed iħallas għall-kors filwaqt li l-applikanti ikollhom biss iħallsu għall-eżamijiet. Il-membri iddiskutew din il-proposta u qablu li jaċċettawha diment li l-programm ikun offrut għall-minimu ta' 50 persuna.

3.2. Korrispondenza mingħand persuna li sofriet ħsara fit-tyre tal-vettura tagħha hekk kif kienet għaddejja mill-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta id-dokumenti lill-membri u wara li raw id-dokumentazzjoni qablu li huwa tassew diffiċli sabiex tyre ta' dak il-qis u ta' dik il-karozza jagħmel il-ħsara imsemmija kif ukoll jidher li hemm ritratti neqsin tal-ħsara tat-tyre. Il-membri għaldaqstant qablu li l-Kunsill m'għandux iħallas għall-ħsara imsemmija.

3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri korrispondenza li huwa kellu mal-GreenPak wara li l-istess skema ġiet infurmata mill-Wasteserv illi l-ħġieġ għandu jitħalla wara l-bieb f'kontenituri li jistgħu jerġa jintużaw sabiex ma jitħallatx ma materjal ieħor. Rappreżentanti tal-iskema innutaw illi fit-toroq dojoq m'huwiex possibbli illi jinġabar il-ħġieġ bi trakk bis-seperator kif ukoll fid-dawl tal-pandemija ikun sigur biżżejjed li l-kontenitur użat ikun diżinfettat kif il-kontenitur jiddaħħal lura id-dar. Il-membri iddiskutew din il-materja u qablu li f'dan l-isfond għandom jiżdiedu l-*bring-in-sites* mal-lokalita li jkunu sorveljati bis-CCTV u kontrollati mil-LESA.

3.4. Korrispondenza mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-persuni b'diżabilità b'rabta mal-premju Anzjanità Attiva 2020.

## 4. Rapporti finanzjarji

4.1. Il-Membri iddiskutew u approvaw ir-rapporti finanzjarji ta' kull kwart kif ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 5. Ismijiet tat-toroq

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi hemm bżonn li jingħata isem għall-triq bla isem li hemm madwar iċ-ċimiterju sabiex issir applikazzjoni uffiċjali kif ukoll hemm toroq

ohrajn li qed johholqu ftit problemi hekk kif hemm żewġ toroq li għandom l-isem Triq Maggie Moran kif ukoll l-isqaq fi Triq il-Wied li m'għandux isem.

5.2. Is-Sindku kompla li huwa wkoll jemmen li huwa l-waqt li Triq il-Knisja jew parti minnha tingħata l-isem Triq il-Bażilika. Għal din l-aħħar proposta il-membri qablu li triq tissemma għal Bażilika imma kellhom riservi u ma qablux mal-proposta imsemmija hekk kif tibdil tal-isem ta' Triq il-Knisja iwassal illi joħloq inkonvenjent kbir lill-bosta residenti li joqogħdu f'din it-triq li hija waħda twila.

5.3. Fuq it-toroq l-oħra is-Sindku qal li ser ikun qed iressaq il-proposti uffiċjali lill-Kunsill kif ikollu ismijiet adatti wara li jikkonsulta ma' xi persuni li jirriċerkaw l-istorja tal-lokalità.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku qal li huwa kien attenda għal-laqgħa mal-Ministru Byron Camilleri dwar in-nuqqasijiet ambjentali li qed isiru fil-lokalita u informa lill-membri illi ser issir laqgħa mas-Sindki dwar l-infurzar fil-lokalitajiet fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku u l-membri tennew kif l-abbużi ambjentali fil-lokalita tassew żdiedu u għaldaqstant ilkoll qablu li għandu isir infurzar b'saħħtu kontra dawn l-abbużi.

6.2. Is-Sindku qal li sfortunatament reġa' qed jinxtammu irwejjaħ insapportabli li ġejjin mill-inċineratur. Is-Sindku fakkar li dan l-inkonvenjent ilhu għaddej u wara li l-Kunsill ingħata l-kelma li l-problema issolviet, jidher li l-irwejjaħ qed jinxtammu bil-lejl u kmieni filgħodu. Il-membri iddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill jikteb lill-Ministru responsabbli mis-settur Aaron Farrugia kif ukoll li ssir stqarrija fuq facebook tal-Kunsill dwar dan.

## 7. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.1. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar in-nuqqasijiet tal-Pjazza u s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta kien qed jagħmel il-pressjoni meħtieġa fuq il-Perit tal-proġett u l-kuntrattur sabiex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsilliera Delezio wkoll talbet sabiex il-Kunsill jirranġa l-bankijiet ta' St. Ubaldeska. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ix-xogħol għandu isir mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

7.2. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-knis ta' Triq il-Lampuka hekk kif jidher li hemm partijiet li għadhom ma ġewx miknusa mis-sunetti tal-festa. Il-Kunsillier Camilleri qal li minħabba li l-karozzi dejjem ikunu ipparkjati diffiċli li jinkines u tenna li kienet ħarġet liġi li tgħid min iwaddab is-sunetti suppost jiknes kif jgħaddi l-marċ.

## 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 15 għas-somma ta' €31,454.50. Dwar il-pagamenti tal-ELC il-membri qablu li dawn il-pagamenti jinżammu sakemm isir ix-xogħol meħtieġ bħaż-żbir ta' siġar u pjanti li mietu minħabba nuqqasijiet ta' tisqija.

## 9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020.

9.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku